MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 1706/2010

**Jacqueline Ellul Thompson ID 308571M**

**vs**

**Vincent Cassar ID 29567M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-attrici qed titlob rifuzjoni ta' tlett elef, mitejn, tmienja u ghoxrin Ewro (€3,228.00c) ghal spejjes edukativi u arretrati ta' manteniment u dana skond kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 30 ta' Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono. Bl-ispejjes indikati fl-AVVIZ.

**Ra** r-RISPOSTA li tghid li dak li talbet l-attrici hu nfondat u ghandu jigi michud.

II PROVI

1. Kulma ghandna f'din il-kawza hi x-xhieda tal-kontendenti li jmieru 'l xulxin b'mod sostanzjali, biz-zewg nahat iressqu dokumenti.

2. Fl-ewwel lok hemm il-kuntratt ta' separazzjoni bonarja li hu car bizzejjed u ssir riferenza ghalih. L-attrici mbaghad intavolat bhala Dok B (*a fol* 19) dettalji in sostenn tal-pretensjoni taghha kif ukoll kopji ta' kontijiet u ricevuti.

3. Il-konvenut pprezenta affidavit (*a fol* 60 *et seq*) u document dwar hlasijiet minnu maghmula. Fid-Dok VSC2 (*a fol* 69) hemm hekk:-
*Dear Vince*
*This is part of Jacob's scool uniform and workbooks.*
*Kindly settle your share, that is half, €60.5 which I already paid*
*Thank you*
*J. Cassar*
4. Barra dan, kien hemm xhieda *viva voce,* il-ftit, li qed tigi riprodotta fl-intier taghha u hi hekk, kif nghatat:-

A Mill konvenut
*Jiena nahdem mal-Industrial Productions Services Limited bhala Senior Clerk. Fil-kuntratt tas-separazzjoni hemm imnizzel li l-ispejjez relattivi ghall-edukazzjoni taz-zewg minuri ghandhom jinqasmu bejnietna izda verbalment konna ftehmna anzi nikkoregi ruhi li spejjez edukattivi tal-minuri kellhom jithallsu kollha minni izda verbalment konna ftehmna li dawn jinqasmu bejnietna f'porzjonijiet ugwali. Qed jigi ssugerit li l-attrici kellha tiddejjen sabiex thallas l-ispejjes edukattivi u kienu biss dawn ic-cirkostanti li ssemmew il-fatt li l-ispejjez edukattiv kienu li jihallas nofs bin-nofs u jiena nghid li dan mhux minnu. Jiena nghid li mhux minnu minn mindu bdew il-proceduri ma thallsux aktar l-ispejjez edukattivi tant li De La Salle kienu qed jghidu li jekk ma ssirx id-donation anzi iktar precizament il-hlas tat-trasport ma jkunux iktar ha jaccettaw li t-tfal jitwasslu l-iskola. Jiena nghid li dan mhux minnu. Jiena sas-sena l-ohra ma kontx nircievi l-kontijiet minghand il-Paramount Garage rigwardanti t-trasport tal-minuri ghall-*

*iskola kien biss din is-sena skolastika li bdejt nircievi minghand il-Paramount Garage u jiena naqbel li qed nibghathom lura ghax jiena stante li t-tfal mhux mieghi ma nkunx naf jekk it-tfal hux attwalment qed juzaw it-trasport tal-Paramount Garage. Jiena ma nhallasx id-donation tal-iskola ghax ghandi ragunijiet validi. Jiena nghid li meta nghid li l-ispejjez tal-istationery u tal-uniformijiet huma eccessivi nghid li jiena ma nippretendix li ghandi nhallas ghal dawn kull sena per ezempju zarbun tal-iskola u tal-PE kull sena. It-tfal ghandhom sittax u erbatax-il sena. Jiena mhux qed inhallas l-istationery meta jiena l-ircevuti li jkolli jkollhom miktub clock fuqhom u jiena ghalija clock mhux stationery.*

***<u>Re-ezami</u>***

*Irrid nispjega li meta sar il-ftehim kellna tifla wahda biss li tmur skola tal-Knisja u mbaghad dahal it-tifel bhala special case fl-iskola tal-Knisja wkoll. Jiena kien hemm bzonn biex niffirma jiena wkoll sabiex it-tifel jidhol l-iskola tal-Knisja u peress illi jiena ma flahtx inhallas l-ispejjez ghal dawn il-mottivi kollha peress li t-tifel issa kien ukoll ser jmur skola tal-Knisja kont fthemt mal-attrici sabiex dawn jinqasmu bejnietna. Dan jigi kkonfermat b'dok VC 2 li pprezentajt jiena mal-affidavit tieghi*

B Mill-Attrici

*Jiena nghid li dok VC2 a fol 69 inharget meta l-konvenut kien qalli li hu mhux bi hsiebu jhallas iktar ghall-edukazzjoni tal-minuri u li kien biss ser jkompli jkallas nofs l-ammont kif jidher wara li jekk jiena niffirma dokument li jiddettahuli hu stess u jiena ffirmajt dan id-dokument. Jiena sabiex inhallas l-ispejjes edukattivi kien ikolli bzonn niddejjen ma' tal-familja.*

***<u>Kontro-ezami</u>***
*Jiena bqajt nitlob ghan-nofs anke wara d-dok VC2 peress illi jekk ma kontx nitlob ghan-nofs ma kien itini xejn.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jibda biex josserva li hi hasra li wara kuntratt ta' separazzjoni bonarja li jidher decent u li zgur evita tperric mhux mixtieq ta' affarijiet xejn sbieh fil-Qorti u f'dak li jibqa mnizzel fl-atti tal-kawza, wara wasalna ghall-kawza odjerna. Jigifieri l-kontendenti, genituri ta' zewg ulied ma kellhomx hila jhaddmu b'mod decenti dak provdut fil-kuntratt specjalment fejn jidhol l-interess tal-ulied fl-isfera tal-edukazzjoni.

2. Fejn jidhlu spejjes tal-edukazzjoni wiehed jifhem li min ikollu principalment u effettivament f'idejh l-edukazzjoni tal-ulied, lil dawn ma jridhomx aghar minn tfal ohra. Dan mhux b'sens ta' pika izda bil-hsieb ghal kollox legittmu li tfal ma jhossuhomx inferjuri ghal kollegi taghhom fl-iskola. Sens ta' inferjorita' minn diversi aspetti, hu kontro-indikat ghall-izvilupp edukativ shieh tal-ulied.

3. Hu notat dak dikjarat fil-bidu tad-Dok VC2 *a fol* 69 fejn l-attrici tidher qed tirrinunzja drittijiet li kellha favurha fl-att ta' separazzjoni. Hi tghid li ffirmat dak li ddettalha zewgha … ghax, jew hekk jew xejn.

4. Wiehed jinnota wkoll l-attitudni tar-ragel, missier, li meta kien jiehu lit-tfal ghandu kien inaqqas mill-manteniment normalment dovut lill-omm minhabba t-tfal! Menomali li ma jidhirx li l-kontendenti genituri kienu

jidduwellaw dwar l-access tal-missier ghat-tfal. Izda l-missier wasal biex joggezzjona ghall-hlas tat-trasport ghall-iskola ghax ma setax jikkontrolla jekk it-tfal kienux qed juzaw, meta ma jkunux mieghu, it-trasport tal-Paramount!

5. Meta jqis kollox, meta jezamina l-provi kollha u anke jidhol fl-"atmosfera" tal-kawza, it-TRIBUNAL ihoss li ghandu jigwida ruhu minn principji ta' ekwita'. It-TRIBUBAL hu statutorjament obligat li jqis dan dejjem, izda zgur li l-ekwita' ghandha *a fortiori* treggi f'kaz bhal dan.

6. Finalment it-TRIBUNAL ihoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fil-*quantum* ta' €2000.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jilqa t-talba attrici fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ssomma ta' €2000 fi zmien tletin jum mil-lum b'dana li, f'nuqqas ta' hlas fiz-zmien imsemmi, jibda ghaddej l-imghax mill-wiehed u tletin jum 'l quddiem sal-jum tal-pagament effettiv (2) jichad l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu inkompatibbli mal-kundanna kontrih moghtija fl-ewwel decizjoni u (3) dwar spejjes, dawn jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------